MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2004

Numru 414/2002

Il-Pulizija
(Sp Bernard Zarb)
vs
Paul Zammit, iben Consolato,
imwieled Gudja fis-6 ta’ awissu, 1950

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fit-30 ta’ ġunju, 2001 u fis-snin ta’ qabel, f’dawn il-Gżejjer, b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulin b’rizoluzzjoni waħda, wara li bħala persuna reġistrata mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, reg. 1302-6836, approprja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, is-somma ta’ Lm6,052.57 miġbura bħala dħul f’taxxa dovuta lill-Gvern ta’ Malta, li ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu

minnha speċifikat, jew minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, kariga jew servizz tiegħu.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-'letter to prosecute' eżebita mir-rappresentant tad-Dipartiment tal-VAT.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' jannar, 2004 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-imputat ħallas dak kollu dovut lill-Gvern ta' Malta.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' jannar, 2004 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 18, 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------